MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 97/2023 LM

**Aneka Paula Balzan (K.I. nru. 343500L)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**MMH Malta Limited**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Aneka Paula Balzan (K.I. nru. 343500L)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fis-26 ta' Settembru, 2023 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], fi proċeduri li r-rikorrenti istitwiet

kontra s-soċjetà intimata **MMH Malta Ltd.** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'], li kienet impjegata magħha, fejn ġie deċiż kif ġej:

> *"Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-i*statements of case *tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti u ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u ppreżentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal għall-konklużjoni li l-*management *ma kisirx il-kuntratt ta' servizz meta assenja xogħol lir-rikorrenti fit-Technical Services, Painting and Blasting Department u r-rikorrenti naqset meta rrifjutat li tmur tipprova taħdem f'dan id-Dipartiment u l-ilment tagħha kien ikun ġustifikat jekk wara li tmur taħdem fit-Technical Services, Painting and Blasting Department kienet tingħata dmirijiet li ma kinux ikunu skont il-ħiliet tagħha.*
>
> *In vista ta' dan it-Tribunal Industrijali jasal għall-konklużjoni u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà intimata kienet riżenja mill-impjieg."*

## <u>Fatti</u>

2. Permezz tar-rikors tagħha quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti spjegat li hija daħlet f'kuntratt ta' impjieg indefinit mas-soċjetà intimata fl-14 ta' Mejju, 2019. Ir-rwol tar-rikorrenti kien bħala '*Project Coordinator*' fil-qasam tal-kura u kustodja u/jew manutenzjoni ta' opri tal-baħar, partikolarment dawk relatati mal-*yachts* ta' ċertu livell, u dan fi ħdan il-*Unit* imsejħa '*Vessel Care*'. Ir-rikorrenti spjegat li hija ġiet magħżula għal dan l-impjieg minħabba l-kredenzjali u l-esperjenza tagħha fl-industrija tal-*yachting,* u fil-qasam tar-*refitting services & facilities* ta' dawn l-opri tal-baħar, anki tenut kont ix-xogħol li hija għamlet ma' kumpanniji oħra qabel bdiet dan l-impjieg. Qalet li fil-bidu tal-2021, il-Kap tad-Dipartiment tagħha b'mod verbali infurmaha li hija ser tiġi riallokata fi rwol kompletament differenti minn dak li kienet qiegħda taħdem fih, jiġifieri fil-

qasam tat-*Technical Services, Painting and Blasting.* Ir-rikorrenti qalet li minkejja li hija talbet spjegazzjoni għal dan it-trasferiment, hija ma ngħatat l-ebda raġuni għal dan iċ-ċaqliqa. Qalet ukoll li hija tqiegħdet f'sitwazzjoni skomda b'mod abbużiv u inġustifikat min-naħa tal-imgħallmin tagħha, bil-konsegwenza li hija kellha tirriżenja mix-xogħol li kellha. Ir-rikorrenti qalet li l-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħha kienet it-22 ta' Jannar, 2021, u ma ġietx imħollija taħdem in-*notice period* kollu. Qalet li l-imgħallmin tagħha kważi lanqas in-*notice period* ma riduha taħdem, iżda hija uffiċjalment spiċċat itterminat ix-xogħol tagħha skont il-liġi lejn l-aħħar ta' Jannar 2021, meta ġiet sottomessa lill-JobsPlus il-formula tat-terminazzjoni. Ir-rikorrenti qalet li hija għamlet kważi sentejn taħdem mas-soċjetà intimata mingħajr ebda problema, u f'dan iż-żmien hija ġabet riżultati tajbin għas-soċjetà intimata. Kompliet tgħid li hija qatt ma ngħatat xi forma ta' twissija verbali jew bil-miktub dwar ix-xogħol tagħha, u l-klijenti dejjem kienu sodisfatti bil-prestazzjoni tagħha. Ir-rikorrenti qalet li dan l-aġir ġab fuqha ħafna stress u tensjoni fi żmien meta hija tqiegħdet f'din is-sitwazzjoni kontra l-volontà tagħha u kontra kull prinċipju lavorattiv u dinjituż għaliha, fejn mingħajr ebda ġustifikazzjoni hija ntalbet tinqala' mis-sezzjoni tagħha u tmur taħdem f'sezzjoni oħra li mhijiex kapaċi taħdem fiha. Qalet li għal xi żmien kienet imħassba ħafna minħabba dan it-trattament li ngħatat. Ir-rikorrenti qalet li hija tħossha ppreġudikata minħabba l-mod kif seħħ dan kollu, u għadha sallum ma tistax tifhem għalfejn hija spiċċat f'din is-sitwazzjoni, meta fil-verità qatt ma kellha problemi fuq il-post tax-xogħol, u lanqas ma kien hemm il-bżonn li hija tiġi ordnata tiċċaqlaq mir-rwol tagħha. Ir-rikorrenti kompliet tgħid li hija ġiet terminata minn kuntratt ta' impjieg li kienet tosserva b'mod professjonali għall-aħħar, b'mod inġust, illegali u abbużiv, u

minħabba f'hekk hija talbet lis-soċjetà intimata tikkumpensaha għall-preġudizzju li ħolqitilha. Ir-rikorrenti qalet li s-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti għat-talbiet tagħha, u anki qiegħda tipprova tiġġustifika dan l-aġir bħala wieħed permissibbli, bir-riżultat li hija ma kellha l-ebda għażla oħra għajr li tiftaħ il-proċeduri odjerni.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda *constructive dismissal,* u kif jirriżulta mill-kuntratt ta' impjieg li kellha r-rikorrenti, mhuwiex minnu li hija kienet ingaġġata sabiex taħdem f'xi dipartiment partikolari, iżda hija kienet ġiet impjegata sabiex taqdi r-rwol ta' *Project Coordinator* mas-soċjetà intimata. Kompliet tgħid li filwaqt li huwa minnu li fis-sena 2021, ir-rikorrenti ntalbet tiċċaqlaq mid-dipartiment tal-*Yachting* għad-dipartiment tat-*Technical Services, Painting and Blasting,* mhuwiex minnu li kien hemm tibdil fir-rwol tar-rikorrenti jew fil-funzjonijiet tagħha, u r-rikorrenti baqgħet tokkupa l-kariga ta' *Project Coordinator* bl-istess responsabbiltajiet, paga u kundizzjonijiet tax-xogħol li kellha qabel. Is-soċjetà intimata qalet li għalhekk fil-każ odjern ma jeżistux u ma jissussistux l-elementi meħtieġa għall-*constructive dismissal,* u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' Settembru, 2023, it-Tribunal Industrijali iddeċieda li r-raġuni għat-terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà intimata, kienet ir-riżenja tar-rikorrenti mill-impjieg, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Fl-istqarrija tal-każ ir-rikorrenti tgħid, li daħlet f'kuntratt indefinit ta' impjieg mas-soċjetà intimata fl-14 ta' Mejju, 2019 fil-grad ta'* Project Co-Ordinator *fil-qasam tal-kura u l-kustodja u/jew manteniment tal-opri tal-baħar u bżonnijiet kollha relattivi għall-yachts ta' ċerta livell u dan taħt il-Unit jew is-settur intern fi ħdan is-soċjetà intimata bl-isem ta'* Vessel Care. *Hija tgħid ukoll, li diġà kellha esperjenza f'dan il-qasam ma' kumpanniji oħra.*

*Ir-rikorrenti tkompli tgħid, li fl-2021 kienet sorpriża bid-deċiżjoni li ma kinitx mistennija mill-Kap tad-Dipartiment, meta fil-preżenza tas-sid tas-soċjetà intimata infurmaha li minkejja li kienet qed taħdem b'suċċess fil-qasam li ġiet impjegata għalih, kienet se tiġi trasferita fil-qasam tat-*Technical Services, Painting and Blasting Department *u hija tgħid, li dan ix-xogħol huwa totalment differenti għal dak li kienet ġiet impjegata għalih.*

*Hija tgħid ukoll, li għalkemm talbet għal liema raġuni kienet se tiġi trasferita għal dan id-Dipartiment ma ġietx mogħtija raġuni valida u ħasset, li kienet ġiet impoġġija f'pożizzjoni abbużiva peress li ġiet trasferita kontra l-volontà tagħha biex tagħmel xogħol li ma kinitx kwalifikata għalih u kien ser joħloq ansjetà fil-ħajja tagħha u għaldaqstant, kellha tirriżenja mill-impjieg u l-aħħar ġurnata tax-xogħol kienet fit-22 ta' Jannar, 2021 u ma ġietx imħollija taħdem in-*notice period *kollu.*

*Hija tkompli tgħid, li matul iż-żmien li ħadmet mas-soċjetà intimata qatt ma kellha problemi u dejjem qdiet id-doveri tagħha bl-akbar professjonalità, kif ukoll li qatt ma kienet suġġetta għal xi passi dixxiplinarji.*

*Ir-rikorrenti tagħlaq l-istqarrija tal-każ tagħha fejn titlob lit-Tribunal Industrijali jiddikjara u jikkonferma, li r-riżenja tagħha tikkwalifika għal tkeċċija inġusta fil-forma ta'* constructive dismissal *u għaldaqstant qed titlob li tiġi mogħtija kumpens xieraq.*

*Is-soċjetà intimata fl-istqarrija tal-każ tgħid, li l-allegazzjoni tar-rikorrenti ta'* constructive dismissal *hija infondata sia fil-fatt u sia fid-dritt. Hija tgħid ukoll, li kif jirriżulta mill-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti datat 14 ta' Mejju, 2019 mhuwiex minnu dak li qed tallega r-rikorrenti li b'xi mod ġiet impjegata sabiex taħdem f'xi dipartiment partikolari, iżda ġiet impjegata sabiex taqdi r-rwol ta'* Project Co-Ordinator *mas-soċjetà intimata.*

*Is-soċjetà tgħid ukoll, li fil-bidu tas-sena 2021 ir-rikorrenti ntalbet mill-*management *sabiex tiċċaqlaq mid-Dipartiment tal-*Yachting *għad-Dipartiment tat-*Technical Services, Painting and Blasting *imma kuntrarjament għal dak li qed tallega r-rikorrenti mhuwiex minnu li nbidel ir-rwol u/jew il-funzjonijiet tax-xogħol tagħha tant hu hekk,*

*li hija baqgħet fil-pożizzjoni ta'* Project Co-Ordinator *bl-istess responsabbiltajiet, l-istess paga u l-istess kundizzjonijiet ta' xogħol.*

*Is-soċjetà tagħlaq l-istqarrija tal-każ tagħha fejn tgħid, li għalhekk u għal raġunijiet oħra li ser jingħataw waqt it-trattazzjoni ta' dan il-każ, ma jeżistux l-elementi meħtieġa għal* constructive dismissal *u għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.*

*Matul il-provi r-rikorrenti tgħid, li kien hemm diversi raġunijiet li hi ġiet sfurzata tirriżenja mill-impjieg u fost dawn għax hija ma kinitx tiġi trattata bħal impjegati oħra li kienu jaħdmu mas-soċjetà intimata.*

*Hija tkompli tgħid, li kien il-*management *stess li avviċinaha biex tiġi impjegata mas-soċjetà intimata u dan għar-raġuni, li hija kellha diġà esperjenza fl-industrija tal-*Yachting *u partikolarment għall-mod kif taqdi d-doveri tagħha fil-qasam ta' "*refitting services and facilities."

*Hija tgħid ukoll, li l-pożizzjoni tagħha ma kinitx ta'* Project Leader *imma kienet ta'* Project Co-Ordinator *u kemm kienet ilha fl-impjieg kien hemm tliet* Project Co-Ordinators *u filwaqt il-pakkett finanzjarju tagħha ma kienx jinkludi* overtime *kien hemm impjegata oħra li kienet intitolata għal* overtime *u aktar tard ġiet ingaġġata persuna oħra li kellha l-istess grad bħal tagħha u kienet intitolata għal* overtime*.*

*Hija tkompli tgħid, li qabel ma ġiet impjegata uffiċjalment fl-14 ta' Mejju, 2019 kienet diġà involuta mas-soċjetà intimata bħala konsulenta fejn ħadmet biex titwaqqaf struttura amministrattiva fid-Dipartiment tal-*Vessel Care *u kienet qablet verbalment mas-Sur Paul Abela Snr dwar pakkett finanzjarju fejn kien jinkludi l-*overtime *skont il-Liġijiet ta' Malta iżda minkejja dan il-qbil kienu għaddew sitt xhur u dan il-kuntratt ma kienx ġie ffirmat.*

*Hija tgħid ukoll, li ħadmet mingħajr ma kellha kuntratt ta' impjieg u wara sitt xhur ma kellhiex triq oħra għajr li tiffirma kuntratt ta' servizz fejn in-nomenklatura ġiet mibdula minn* Administration Consultant *għal* Project Co-Ordinator *u l-kuntratt li kellha tiffirma ma kienx jintitolaha għal* overtime*. Hija tgħid ukoll, li għamlet ilment mal-*Human Resources Manager *fejn ir-risposta li ħadet kienet* take it or leave it*.*

*Ir-rikorrenti tgħid ukoll, li xi ġimgħat qabel ma ġiet sfurzata li tirriżenja kienet ġiet imsejħa mis-Sur Samuel Zerafa li jokkupa l-grad ta'* Head of Department*, fejn infurmaha li kien hemm bżonn li nhar ta' Sibt jibda jkun hemm* Project Co-Ordinator *u għaldaqstant kienet se ssir* roster *bejn il-*Project Co-Ordinators *biex kull nhar ta' Sibt ikun hemm xi ħadd minnhom.*

*Hija tkompli tgħid, li qablet għax oriġinarjament din kienet ukoll ideja tagħha u kienet lesta li tidħol meta jkun imiss lilha s-Sibtijiet u dan minkejja li filwaqt il-*Project Co-ordinators *l-oħra kienu se jitħallsu* overtime *hija ma kinitx se titħallas għal dan il-ħin żejjed li kienet ser tagħmel.*

*Ir-rikorrenti tgħid ukoll li fit-18 ta' Jannar, 2021 ġiet imsejħa l-uffiċċju u kellha laqgħa ma' Paul Abela u Samuel Zerafa u ġiet infurmata li mill-25 ta' Jannar, 2021 kienet se tiġi trasferita mill-*Vessel Care Function *għal* Technical Services Department *f'liema funzjoni hija la kienet ikkwalifikata u lanqas kellha esperjenza fuq dan ix-xogħol.*

*Hija tgħid ukoll, li ġiet infurmatha biex bejn id-19 ta' Jannar sat-22 ta' Jannar, 2021 tagħti* handover *lil* Project Co-Ordinators *l-oħra u f'dak il-ħin tal-laqgħa biex tevita konfrontazzjoni ma qalet xejn u qablet li ssegwi l-istruzzjonijiet li ġew mogħtija lilha.*

*Hija tkompli tgħid, li aktar tard f'dik il-ġurnata rraġunat li dan it-trasferiment ma kienx ġustifikat speċjalment meta f'dak iż-żmien ix-xogħol kien fl-aqwa tiegħu u ħaddiema ma kienx hemm biżżejjed u għaldaqstant reġa' kellha laqgħa oħra mas-Sur Samuel Zerafa fejn infurmatu li ma kinitx kuntenta bid-deċiżjoni li ttieħdet mill-*management *fil-konfront tagħha u xtaqet aktar informazzjoni.*

*Hija tgħid ukoll, li s-Sur Samuel Zerafa qalilha li hu sar jaf bid-deċiżjoni siegħa qabel ma saret il-laqgħa, u qalilha, li meta tkellem mas-Sur Paul Abela li jokkupa l-kariga ta' CEO tas-soċjetà intimata, qallu li kienu se jittrasferixxu lir-rikorrenti għad-Dipartiment tat-Technical Services kien ifisser li kienu se jisfurzawha biex tirriżenja. Hija tgħid ukoll, li ġiet infurmata mis-Sur Zerafa, li s-Sur Paul Abela qallu issa naraw però xorta sostna d-deċiżjoni li kellha tiġi trasferita.*

*Ir-rikorrenti tkompli tgħid, li tkellmet mas-Sur Samuel Zerafa fejn infurmatu li ma riditx li tirriżenja mill-impjieg u jekk kienx possibbli li l-kumpannija tittermina l-impjieg tagħha. Dwar dan is-Sur Zerafa qalilha li kellu jiċċekkja u jikkuntattjaha l-għada filgħodu.*

*Ir-rikorrenti tgħid ukoll li fid-19 ta' Jannar, 2019 kellha laqgħa mas-Sur Zerafa fejn infurmaha li fl-interess tagħha ma kinux se jitterminawlha l-impjieg u min-naħa tagħha wieġbet li dan it-trasferiment għal dipartiment ieħor ma kienx sewwa għax hija la kienet kompetenti u lanqas kellha esperjenza taħdem f'dan id-dipartiment.*

*Hija tkompli tgħid, li waqt din il-laqgħa daħal is-Sur Paul Abela fejn qalilha li ma kellux għalfejn jagħti spjegazzjoni għal dan it-trasferiment u għaldaqstant kellha tibda x-xogħol f'dan id-Dipartiment min-nhar it-Tnejn.*

*Hija tgħid ukoll, li dan it-trasferiment kien intenzjonat biex idejquha u tirriżenja u għaldaqstant ma kellhiex triq oħra għajr li tirriżenja u għalhekk marret fid-Dipartiment tal-*Human Resources *fejn għamlet ir-riżenja tagħha u minkejja li lanqas riduha taħdem in-*notice period *imma b'rispett lejn il-kollegi tagħha għamlet ġimgħa oħra xogħol biex tagħti* handover.

*Hija tkompli tgħid, li wara li spiċċat mill-impjieg staqsiet lis-Sur Zerafa biex jagħmlilha riferenza u minkejja li qalilha li ma kienx hemm problema però jidher li kellu struzzjonijiet biex ma jagħmilhiex sabiex ma jkunx hemm l-ebda prova fl-eventwalità li hija tiddeċiedi li tirrikorri l-każ tagħha l-Qorti.*

*Ir-rikorrenti tgħid ukoll li s-Sur Zerafa qalilha, li s-Sur Abela riedha li tispiċċa mid-Dipartiment peress li kienu qalulu li kienet għaddiet xi kliem fuqhom però dan ma kienx veru għax hija qatt ma kellha problema li dak li trid tgħid tgħidu f'wiċċ dak li jkun.*

*Matul il-provi r-rikorrenti qalet ukoll, wara li spiċċat mill-impjieg kien kellimha Martin Grech li kien jaħdem magħha fl-istess Dipartiment mas-soċjetà intimata u infurmaha li s-Sur Abela Snr kien qallu, li kien iddeċieda jittrasferiha f'Dipartiment ieħor mhux għax kien hemm il-bżonn tax-xogħol li jsir imma għax kienet qed tfixkel fix-xogħol lilu (Martin Grech). Fix-xhieda tagħha r-rikorrenti ċaħdet li hija qatt aġixxiet b'mod li tfixkel lil Martin Grech fix-xogħol tiegħu.*

*Fix-xhieda li ressaq il-*management *jgħid, li l-kumpannija kienet qed tikber fl-operat tagħha u kienu inkarigaw lir-rikorrenti biex tistabbilixxi proċeduri amministrattivi fid-Dipartiment tal-*Yachting Department.

*Il-*management *jgħid ukoll, li l-għan tat-trasferiment tar-rikorrenti fid-Dipartiment tat-*Technical Services, Painting and Blasting *kien mhux biex ir-rikorrenti taħdem fiżikament fit-twettiq manwali tax-xogħol ta' dan id-Dipartiment, imma sabiex bħalma kienet għamlet fid-Dipartiment li ħadmet fih qabel tistabbilixxi wkoll f'dan id-Dipartiment proċeduri amministrattivi.*

*Il-*management *jgħid ukoll, li l-grad ta'* Project Co-Ordinator *ma jinħtieġx* skills *speċjali fix-xogħol u r-rikorrenti setgħet twettaq ix-xogħol fid-Dipartiment li ġiet trasferita għalih bħalma wettqet l-istess xogħol fid-Dipartiment li kienet fih.*

*Mill-provi jirriżulta wkoll, li r-rikorrenti kienet se tibqa' tokkupa l-istess grad ta'* Project Co-Ordinator *u ma kienx se jkollha tnaqqis fis-salarju u benefiċċji oħra li kellha.*

*It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-każ in kwistjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra x'kienet ir-raġuni li r-rikorrenti rriżenjat mill-impjieg.*

*It-Tribunal Industrijali meta jeżamina l-provi jirriżultalu, li għalkemm ir-rikorrenti ressqet diversi ilmenti però meta t-Tribunal Industrijali jeżamina l-provi jirriżultalu, ir-raġuni li r-rikorrenti irriżenjat mill-impjieg għax kienet se tiġi trasferita fid-Dipartiment tat-*Technical Services, Painting and Blasting *u tgħid, li dan ix-xogħol hu totalment differenti għal dak li kienet ġiet impjegata għalih u għal dan ix-xogħol ma kinitx ikkwalifikata.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali meta jeżamina l-provi jirriżultalu, li skont il-kuntratt ta' servizz Artikolu 2 hemm indikat li r-rikorrenti ġiet impjegata fil-grad ta'* Project Co-Ordinator *u skont Artikolu 1 tal-istess kuntratt jgħid "*Employer means MMH Malta Limited and/or any other company within the MMH Group of Companies".

*Għaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali jeżamina dawn l-Artikoli tal-kuntratt ta' servizz jirriżultalu li r-rikorrenti ma kinitx impjegata fid-Dipartiment tal-*Vessel Care*, imma ġiet impjegata mal-Kumpannija MMH Malta Limited u setgħet ukoll tiġi trasferita li tagħmel xogħol f'kumpannija oħra li għandha l-MMH Group of Companies.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll l-ilment tar-rikorrenti fejn tgħid, li għax-xogħol li kienet ġiet assenjata għalih fit-*Technical Services, Painting and Blasting Department *ma kinitx ikkwalifikata għalih.*

*It-Tribunal Industrijali meta jeżamina l-provi jirriżulta, il-*management *jgħid li ried jittrasferixxi lir-rikorrenti fid-Dipartiment tat-*Technical Services, Painting and Blasting *mhux biex taħdem fiżikament f'dan id-Dipartiment imma bl-għan li tistabbilixxi proċeduri amministrattivi f'dan id-Dipartiment bħal ma kienet diġà għamlet fid-Dipartiment tal-*Vessel Care *u kien se jkollha l-għajnuna ta' ħaddiema oħra tekniċi.*

*It-Tribunal Industrijali ma setax jikkonferma jekk il-verżjoni tal-*management *li ried jittrasferixxi lir-rikorrenti fit-*Technical Services, Painting and Blasting Department *kinitx il-vera raġuni biex tistabbilixxi proċeduri amministrattivi u dan peress li r-rikorrenti għażlet, li minflok tmur biex tipprova tistabbilixxi t-tip ta' xogħol li kien ser jiġi assenjat lilha u liema dmirijiet kinux skont il-ħiliet tagħha għażlet li tirriżenja."*

## <u>L-Appell</u>

4. Fir-rikors tal-appell imressaq mir-rikorrenti fis-16 ta' Ottubru, 2023, hija talbet lil din il-Qorti tilqa' l-appell imressaq minnha, u filwaqt li tħassar u

tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tas-26 ta' Settembru, 2023, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, billi tiddikjara u tikkonferma li r-riżenja tagħha mill-impjieg, tekwivali għal tkeċċija inġusta fil-forma ta' *constructive dismissal,* u dan stante maniġġi u aġir li seħħ min-naħa tas-soċjetà appellata sabiex ir-rikorrenti ma jkollha l-ebda triq oħra għajr li tirriżenja. Ir-rikorrenti talbet ukoll lil din il-Qorti tiddikjara li konsegwentement għal din it-tkeċċija inġusta, hija sofriet danni, u għalhekk għandha tingħata kumpens.

5. L-appellanta qalet li t-Tribunal bid-deċiżjoni tiegħu naqas milli jikkunsidra diversi fatti li ġew evidenzjati quddiemu, u skarta għal kollox diversi provi oġġettivi, li wasslu sabiex il-każ odjern ġie inkwadrat bħala sempliċi riżenja mill-impjieg, meta fil-verità kien hemm tkeċċija, għaliex kienet il-kumpannija MMH Malta Limited li ġiegħlet lir-rikorrenti tirriżenja mix-xogħol u dan b'aġir u maniġġi abbużivi u inġustifikati li saru magħha.

6. L-appellanta qalet li hija fetħet dawn il-proċeduri fil-kuntest ta' *constructive dismissal.* Qalet li hija kienet kostretta tirriżenja mill-impjieg li kellha mas-soċjetà appellata minħabba maniġġi diretti da parti tas-superjuri tagħha. Qalet li hija kellha esperjenza vasta fil-qasam tal-*yacthing* u tal-*vessel care,* u hija kienet ġiet imsejħa mill-prinċipal tagħha Paul Abela sabiex taqdi esiġenzi lavorattivi partikolari tenut kont tal-esperjenza vasta tagħha f'dan il-qasam, u kien bis-saħħa tal-istess Paul Abela li hija kienet ġiet assenjata fid-Dipartiment tal-*Vessel Care* b'opportunità ta' impjieg ma' MMH Malta Limited. Qalet li hija kienet anki tippresta servizzi ta' konsulenza, u anki fuq il-livell amministrattiv, il-kumpannija ħarġet b'metodoloġija u inkartament li beda jintuża mal-klijenti tas-soċjetà appellata, u b'hekk id-Dipartiment li hija kienet

assenjata fih, beda jaħdem b'mod aktar effettiv. Qalet li wara li serviet b'mod tajjeb ħafna f'dan ir-rwol, hija spiċċat vittma ta' abbuż, fis-sens li ġiet imsejħa għal laqgħa sabiex tiġi ttrasferita fid-Dipartiment tat-*Technical Services*, li huwa settur li minkejja li mhuwiex ġdid għaliha, hija qatt ma ngħatat taħriġ fih, u għalhekk hija ħassitha demoralizzata, bir-riżultat li kellha tagħti r-riżenja tagħha. L-appellanta qalet li biex min iħaddem ma jiġix akkużat b'*constructive dismissal,* dan irid jagħraf ikollu deskrizzjoni aġġornata tax-xogħol ta' kull ħaddiem, u jrid joffri taħriġ u monitoraġġ jew superviżjoni kontinwa, speċjalment waqt il-perijodu tal-*probation.* L-appellanta qalet li fejn il-prestazzjoni ta' ħaddiem partikolari fuq il-post tax-xogħol tibda tesperjenza *fluctuations,* l-imgħallem irid joħloq *support team* b'saħħtu sabiex dawn in-nuqqasijiet jiġu ssanati, anki biex ikun inklussiv fir-rigward tal-esiġenzi tal-ħaddiem u l-kwalità tax-xogħol tiegħu. L-appellanta kompliet tgħid li f'każ li l-*performance* tal-ħaddiem tibqa' inkonsistenti u tmur għall-agħar, l-imgħallem għandu jinvestiga s-sitwazzjoni, u joħloq is-soluzzjonijiet neċessarji anki abbażi ta' dak li jirriżulta f'dawn l-investigazzjonijiet, u kull ħaġa li ssir għandha tiġi dokumentata u ffirmata mill-impjegat sabiex dan juri li qiegħed jagħraf dak li qiegħed isir miegħu anki fuq livell soċjo-lavorattiv.

7. L-appellanta qalet li dawn il-miżuri huma meqjusa bħala miżuri preventivi għal kull imgħallem li jaġixxi fl-aħjar interess tal-azjenda tiegħu u ta' kull ħaddiem li jingaġġa u jimpjega, sabiex ma jaqax taħt *constructive dismissal claim.* Qalet li hija esperjenzat sitwazzjoni anomala u inġusta fil-kuntest tar-relazzjoni lavorattiva li ġiet offruta. Qalet li quddiem it-Tribunal, hija ppruvat kif hija ġiet imsejħa biex taqdi l-funzjoni lavorattiva tagħha mas-soċjetà MMH

Malta Limited, u li dak iż-żmien kienu tlieta l-*Project Co-Ordinators* fil-kumpannija, fosthom l-appellanta, u għalhekk dawn it-tlieta min-nies kellhom rwol ta’ ċerta portata fl-amministrazzjoni fid-dipartimenti rispettivi tagħhom. Kompliet tgħid li hija kienet *head-hunted* minn Paul Abela Snr biex taħdem mas-soċjetà appellata, u għalhekk kellha pakkett speċifiku li ġie offrut lilha, liema pakkett ma kienx jinkludi l-opportunità ta’ sahra. Qalet li kien hemm dewmien ta’ xi xhur sabiex hija ngħatat il-kuntratt ta’ impjieg, u oriġinarjament hija bdiet taħdem bħala konsulenta tad-Dipartiment fejn bdiet teżerċita l-kapaċitajiet lavorattivi tagħha sabiex ittejjeb il-proċess tal-inkartament kollu li kellu jibda jsir biex kull klijent jiġi moqdi sew. Qalet ukoll li hija sofriet diversi inġustizzji fuq il-post tax-xogħol, meta mqabbel ma’ ħaddiema oħra li ġew ingaġġjati warajha mal-kumpannija, fosthom ħaddiema li ngħataw pakkett lavorattiv aħjar minn tagħha. Kompliet tgħid li minkejja li hija ma ġietx offruta ħlas għall-*overtime,* hija xorta waħda kienet mistennija li taħdem sigħat żejda kull tant żmien bħal ħaddiema oħra li ma kellhomx restrizzjoni fil-ħlas li jirċievu. L-appellanta kompliet tgħid li kien waqt il-pandemija li hija kienet ġiet trasferita lejn Dipartiment ieħor.

8. Qalet li hija kienet issejħet għal laqgħa mingħajr ebda pre-avviż, sabiex tintbagħat taħdem fit-Taqsima tat-*Technical Services,* li huwa Dipartiment ieħor f’qasam kompletament differenti u b’esiġenzi ta’ xogħol differenti, tenut kont il-materja speċifika tax-xogħol li jsir f’kull dipartiment. L-appellanta qalet li anki fil-qasam tal-*vessel care,* hija uriet li kienet tajba ħafna fix-xogħol tagħha, u uriet li kienet *asset* għall-kumpannija. L-appellanta qalet li kien is-CEO tal-kumpannija li ried jittrasferiha, u dan mingħajr ma spjegalha għal liema raġuni

kien qiegħed isir dan, jew għaliex dan l-arranġament kien meħtieġ għall-partijiet. L-appellanta qalet li fix-xhieda tagħha hija ppruvat li jumejn biss wara r-riżenja tagħha mill-impjieg, kien iddaħħal xi ħaddiehor fir-rwol li kienet tokkupa fil-*Vessel Care Unit.*

9. L-appellanta qalet li hija sofriet preġudizzju u abbuż fuq il-post tax-xogħol, u d-deċiżjoni li hija tiċċaqlaq minn Dipartiment għal ieħor ittieħdet mis-CEO tas-soċjetà appellata, u jidher li kien hemm konsiderazzjonijiet personali u diskriminatorji fil-konfront tagħha meta ttieħdu dawn id-deċiżjonijiet. L-appellanta qalet li s-soċjetà appellata f'dawn il-proċeduri għażlet li la ttella' jixhed lis-CEO Paul Abela u lanqas lit-tifel tiegħu Paul Abela Jnr, sabiex jitfgħu dawl konkret fuq il-fatti mqajma minnha. L-appellanta qalet li minflok, is-soċjetà appellata tellgħet bħala xhieda lil Samuel Zerafa *Head of Department Vessel Care*, u lil Davinia Mallia Portelli, *Head of Human Resources MMH*. L-appellanta qalet li Samuel Zerafa tefa' dawl fuq il-kompetenzi tagħha fuq il-post tax-xogħol, iżda dan ix-xhud kien evażiv meta rrisponda dwar il-ħtieġa li l-appellanta tiġi ttrasferita, u qal li l-kumpannija dejjem tevolvi u xi drabi jkun meħtieġ li *Project Co-Ordinators* jkollhom jaħdmu b'mod flessibbli u jintalbu jaħdmu fi rwoli oħra, u skont l-esiġenzi tal-kumpannija. Qalet li dan ix-xhud qal ukoll li persuna ma teħtieġ l-ebda esperjenza jew kwalifiki biex taħdem fil-qasam tal-*blasting and painting,* li huwa d-dipartiment fejn kienet ser tiġi ttrasferita.

10. L-appellanta qalet li Samuel Zerafa jokkupa l-kariga ta' *Head of Department* tal-*Vessel Care,* u li dan ix-xhud mhux is-CEO tas-soċjetà appellata, u li ma kienx hu li ddeċieda li hija għandha tiġi ingaġġjata mal-kumpannija, u

lanqas ma kien hu li ħareġ bl-idea li hija tiġi ttrasferita. Qalet li lanqas ma kien Samuel Zerafa li ffirma l-kuntratt tal-impjieg tagħha, u filwaqt li dan ix-xhud qal li l-kumpannija dejjem tevolvi, fl-istess ħin ikkonferma li m'hemm bżonn l-ebda esperjenza jew kredenzjali biex persuna taħdem f'dipartiment partikolari. Qalet li fid-dinja tal-lum, ix-xogħol jorbot miegħu mhux biss proċeduri iżda wkoll sustanza, u minkejja li hija kellha esperjenza fil-qasam tal-*Vessel Care,* hija ma setgħetx f'daqqa waħda tintbagħat taħdem f'dipartiment ieħor li għandu sustanza ta' xogħol differenti għall-aħħar. Qalet li minkejja li Zerafa rrefera għall-fatt li hija kienet taħdem bħala *Project Co-Ordinator,* dan imkien ma qal li lilha ma saritilha l-ebda intervista għaliex hija kienet imfittxija għal dan ir-rwol, u r-rwol ta' *Project Co-Ordinator* huwa rwol ġeneriku li jingħata lil ħaddiem sabiex dan ma jiġix limitat fuq xogħlu, iżda li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda ċirkolari jew direttiva li tgħid x'inhu dan ir-rwol. L-appellanta għamlet riferiment għax-xhieda ta' Davinia Mallia Portelli, li qalet li meta jkun hemm *call for employment,* jiġu indikati l-kredenzjali jew l-esperjenza li l-ħaddiem irid ikollu, u r-rwol ta' *Project Co-Ordinator* jintrabat ma' dipartiment partikolari u mhux xogħol ġeneriku marbut mal-proċeduri u s-sustanza tax-xogħol tas-soċjetà appellata.

11. L-appellanta qalet li l-kuntratt ta' impjieg mogħti lilha kien wieħed ġeneriku ħafna, u minkejja li hija ngħatat id-denominazzjoni ta' *Project Co-Ordinator,* il-kuntratt naqas milli b'mod espress jgħid li l-appellanta kellha tintuża bħala *Project Co-ordinator* b'mod flessibbli skont il-ħtiġijiet tal-kumpannija. L-appellanta qalet li minkejja li t-Tribunal talab lis-soċjetà appellata tipprovdi kopja tal-*job description* li kellha l-appellanta, din baqgħet

ma pprovdithiex. Qalet li fid-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal naqas milli jagħmel riferiment għal dan in-nuqqas. Kompliet tgħid li s-soċjetà appellata ppruvat tagħti l-impressjoni li r-rwol tagħha mal-kumpannija kien wieħed ġeneriku u li għalhekk hija setgħet taħdem f'kull dipartiment li għandha l-kumpannija. Qalet li fil-verità hija kellha rwol speċifiku ta' *Project Co-Ordinator* marbut mal-*Vessel Care Department,* u mal-ebda dipartiment ieħor. Kompliet tgħid li l-kuntratt ta' impjieg stess jispeċifika b'mod ġeneriku x'inhu r-rwol ta' *Project Co-ordinator* u minkejja li b'mod ġeneriku, il-klawsola 3.5.4 tal-kuntratt tagħti l-impressjoni li x-xogħol huwa marbut ma' dak li jsir fil-*Vessel Care Department,* għaliex isemmi *lifting and hard standing* ta' opri tal-baħar. L-appellanta kompliet tgħid li hija qatt ma ngħatat *job description,* u lanqas ma ġiet esebita quddiem it-Tribunal, u għalhekk hija għandha dubji dwar kemm kienet qiegħda tingħata trattament dinjituż u li jixirqilha fuq il-post tax-xogħol, speċjalment meta wieħed iqis li minflok ir-relazzjoni tax-xogħol kienet waħda ċċentrata fuq il-ħaddiem u fuq il-prestazzjoni tiegħu, din kienet waħda fejn il-ħaddiem ikun konfuż fuq il-post tax-xogħol.

12. L-appellanta qalet li n-nuqqas ta' depożizzjoni ta' ħaddiema ewlenin fil-kumpannija, tindika li s-soċjetà appellata lanqas biss ippruvat tkun koerenti, konvinċenti u kredibbli dwar dak li ppruvat tiddefendi lilha nnifisha dwaru. Qalet li min-naħa tagħha hija ppruvat li l-prestazzjoni tagħha fuq il-post tax-xogħol kienet waħda tajba ħafna, u qatt ma ngħatat xi forma ta' twissija fuq ix-xogħol, tant hu hekk li kien hemm klijenti tas-soċjetà appellata li għamlulha referenzi tajbin. L-appellanta qalet li minkejja li hija tifhem li waqt il-pandemija tal-COVID kien hemm ċerta ansjetà fuq il-post tax-xogħol, kien inġust fuqha li

hija tintalab taħdem b'kundizzjonijiet ta' żvantaġġ meta mqabbla ma' ħaddiema oħra, jew li tintalab tmur taħdem f'dipartiment ieħor. Qalet li hija spiċċat demoralizzata u demotivata minħabba l-mod kif is-soċjetà appellata imxiet magħha, tant hu hekk li kellha tieħu d-deċiżjoni drastika li tirriżenja mill-impjieg. Qalet li l-ebda ħaddiem ma jistħoqqlu trattament fejn l-imgħallem tiegħu jgħidlu li ma jafdahx, jew inkella jonqos milli jagħtih spjegazzjoni dwar għalfejn ikun ser jintalab jiċċaqlaq minn dipartiment għal ieħor. F'dan il-kuntest, l-appellanta qalet li huwa inkonċepibbli u inaċċettabbli li t-Tribunal naqas milli jqis provi oġġettivi għall-aħħar li tressqu minnha, partikolarment il-provi fejn hija spjegat li ġiet sfurzata titlaq mill-impjieg; li naqas milli jinkwadra l-fatt li hija qatt ma ngħatat *job description,* u din il-*job description* ma ġietx ippreżentata quddiem it-Tribunal għall-iskrutinju tiegħu. It-Tribunal naqas ukoll milli jinkwadra li oġġettivament ġiet imposta deċiżjoni fuqha, u hija ma kellha l-ebda għażla għajr li tbaxxi rasha u tibda taħdem f'ambjent tax-xogħol li huwa ta' sustanza u ta' natura totalment differenti milli kellha qabel, u dan kollu mingħajr ebda pre-avviż.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

13. Is-soċjetà appellata fir-risposta tagħha qalet li preliminarjament trid tqajjem l-eċċezzjoni dwar in-nullità tar-rikors tal-appell tal-appellanta. Qalet li fl-ewwel lok għandu jingħad li r-rikors tal-appell ġie intavolat *fuori termine,* għaliex id-deċiżjoni tat-Tribunal ingħatat fis-26 ta' Settembru, 2023, u l-liġi tipprovdi għal terminu ta' tnax-il ġurnata mid-deċiżjoni appellata sabiex jiġi

ppreżentat ir-rikors tal-appell, fil-każ odjern ir-rikors tal-appell ġie intavolat fis-16 ta' Ottubru, 2023, jiġifieri għoxrin jum wara d-deċiżjoni appellata.

14. Is-soċjetà appellata qalet li dan ir-rikors tal-appell mhux ibbażat fuq punt ta' liġi, u dan minkejja li d-dritt ta' appell minn deċiżjoni tat-Tribunal huwa limitat għal punti ta' liġi. Qalet li minkejja dan, l-uniku aggravju tal-appellanta huwa bbażat biss fuq l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal, u għalhekk naqset kompletament milli tqajjem punt ta' liġi.

15. Barra minn hekk, is-soċjetà appellata tikkontendi li r-rikors tal-appell tal-appellanta huwa null għaliex mhuwiex ibbażat fuq aggravji skont il-liġi *ai termini* tal-artikolu 143(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Qalet li aggravji għandhom jieħdu l-forma tal-identifikazzjoni ta' punti speċifiċi fid-deċiżjoni appellata li l-appellant ikun jixtieq jikkontesta, flimkien ma' argumenti in sostenn tal-pożizzjoni tal-appellant li t-teżi tiegħu għandha tiġi akkolta mill-qorti ta' reviżjoni. Is-soċjetà appellata qalet li r-rikors tal-appell huwa biss riproduzzjoni tal-argumenti li saru quddiem it-Tribunal, mingħajr ebda kritika speċifika tal-motivazzjoni fid-deċiżjoni appellata, u dan ma jissodisfax il-kriterji tal-artikolu 143(1) tal-Kap. 12.

16. Mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħha li r-rikors tal-appell tal-appellanta huwa irritu u null, is-soċjetà appellata qalet li l-fatti rilevanti għal dan il-każ huma li l-appellanta ġiet impjegata magħha bħala *Project Co-Ordinator* b'mod ġenerali, u mhux f'dipartiment partikolari, permezz ta' kuntratt tal-14 ta' Mejju, 2019. Qalet li filwaqt li jeżistu diversi dipartimenti fi ħdanha, l-appellanta inizjalment ġiet assenjata fid-dipartiment tal-*vessel care,* u fit-18 ta' Jannar,

2021, intalbet tiċċaqlaq għad-dipartiment tat-*technical services,* b'dan illi l-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħha u d-dmirijiet u l-funzjonijiet imwettqa minnha, kienu ser jibqgħu sostanzjalment l-istess. Qalet li l-għada l-appellanta rriżenjat mill-impjieg, mingħajr ma ħadmet ġurnata waħda biss fid-dipartiment tat-*technical services.* Is-soċjetà appellata qalet li t-Tribunal iddeċieda li ma kien hemm l-ebda *constructive dismissal* għaliex l-appellanta ma kienitx ġiet ingaġġjata biex taħdem f'dipartiment speċifiku, kif jirriżulta mill-kuntratt ta' impjieg tagħha, li juri li hija mhux biss ma ġietx impjegata f'dipartiment partikolari, iżda s-soċjetà appellata rriservat id-dritt li tassenjaha ma' xi kumpannija oħra fl-istess grupp ta' kumpanniji. Qalet li l-funzjonijiet, dmirijiet u kundizzjonijiet tal-appellanta kienu ser jibqgħu l-istess jekk tiċċaqlaq għad-dipartiment tat-*technical services,* u x-xogħol tagħha kien ser jibqa' effettivament l-istess ukoll. Is-soċjetà appellata qalet li in kontro-eżami l-appellanta ma kienitx kapaċi twieġeb dwar kif ir-rwol tagħha f'dan id-dipartiment kien ser jiddipartixxi mir-rwol tagħha fid-dipartiment tal-*vessel care,* u dan il-fatt ixejjen il-premessa fundamentali li fuqha hija bbażata l-azzjoni tagħha, li kienu nbidlu l-kundizzjonijiet u l-funzjonijiet tal-impjieg tagħha. Qalet li l-appellanta, oltre d-dmirijiet u funzjonijiet assoċjati mal-kariga ta' *Project Co-ordinator*, kellha r-reponsabbiltà li tistabbilixxi ċerti proċeduri u protokolli minħabba l-abbiltajiet u l-esperjenza li kellha, u għalhekk is-soċjetà appellata kienet sodisfatta bil-proċeduri u bil-protokolli stabbiliti fid-dipartiment tal-*vessel care,* u riedet li tirrispekkja l-istess proċeduri u protokolli fid-dipartiment tat-*technical services* li kien inqas żviluppat.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet preliminari imressqa mis-soċjetà appellata fir-risposta tagħha, qabel tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravju sollevat mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-fatt li tali eċċezzjonijiet jistgħu jwasslu għan-nullità tar-rikors tal-appell, partikolarment l-eċċezzjoni li għandha tiġi determinata minn din il-Qorti dwar jekk ir-rikors tal-appell ġiex intavolat *fuori termine* jew le.

*L-Ewwel Eċċezzjoni:* *[Ir-rikors tal-appell ġie intavolat* fuori termine*]*

18. Is-soċjetà appellata tikkontendi li r-rikors tal-appell intavolat mill-appellanta huwa *fuori termine,* għaliex dan ma ġiex ippreżentat fi żmien tnax-il jum mill-ġurnata li fiha ngħatat id-deċiżjoni mit-Tribunal Industrijali. Fil-fatt jirriżulta li filwaqt li d-deċiżjoni appellata ngħatat mit-Tribunal fis-26 ta' Settembru, 2023, ir-rikors tal-appell tal-appellanta ġie intavolat fis-16 ta' Ottubru, 2023. L-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 jipprovdi illi:

> "Fil-każ ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u fil-każi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont dan l-artikolu 75(1)(a), (b) u (ċ), ikun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi. Dan l-appell għandu jsir b'rikors lill-Qorti tal-Appell ikkostitwita skont l-artikolu 41(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan ir-rikors għandu jiġi ppreżentat mhux aktar tard minn tnax-il ġurnata mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal."

19. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Abdelaziz Dhaidi *vs.* Bortex Clothing Industry Company Limited**[1]:

*"Huwa minn dan evidenti illi, bħal fil-każ tat-termini l-oħra tal-appell taħt diversi liġijiet, it-terminu ta' tnax-il ġurnata hawn prospettat huwa wieħed perentorju, inkwadrat taħt l-istatut ġenerali tad-dekadenza b'mod li l-istess terminu jgħaddi għall-fatt materjali tad-dekors taż-żmien iffissat mil-liġi. Dan bla possibilità ta' proroga, sospensjoni jew tal-interruzzjoni tiegħu. Hu biss eċċezzjonalment u fil-każi espressi previsti mil-liġi illi t-terminu jista' jiġi prorogat, ad eżempju, skont il-previżjoni tal-liġi fl-Artikolu 1086 Kodiċi Ċivili u l-Artikolu 109 Kapitolu 12, meta l-ġurnata tal-iskadenza tiegħu tkun waħda ta' rikorrenza ta' vakanza pubblika. Hekk ingħad illi "fil-każ tat-terminu b'ġranet korrenti, meta l-aħħar ġurnata tinzerta li mhix ġurnata tax-xogħol allura t-terminu jagħlaq fl-ewwel ġurnata tax-xogħol li jkun imiss, u fil-ħin li jagħlaq ir-Reġistru." (Ara **AIC Joseph Xuereb nomine -vs- Dolores Degabriele",** Appell Ċivili, 14 ta' Mejju, 1993).*
*...*
*Intqal minn din il-qorti kif preseduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet "**Joseph Camilleri -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Appell Numru 14/06), 9 ta' Mejju, 2007, illi "kif saput it-terminu stabbilit hu wieħed fatali u ma jistax jiġi sanat b'xi* re-integrando. *L-appellant kellu jissodisfa din l-esiġenza proċedurali skont il-vot tal-liġi u la dan ma għamlux, l-appell tiegħu ma jistax ħlief jitqies irrimedjabbilment irritwali. Tabilħaqq, ikollu jingħad b'ripetizzjoni illi, "of course the fact that the delay was only of one day cannot unfortunately for the appellant help him" ("**A.B. -vs- Commissioner of Inland Revenue"**), Każ Numru 85, Appell, 5 ta' Marzu, 1971). Dak li ngħad f'din is-silta jgħodd ugwalment għall-fattispeċi tal-appell preżenti."*

20. Dan ifisser li din il-Qorti ser ikollha tieqaf hawn, għaliex in-nuqqas ta' osservanza tat-terminu għall-preżentata tal-appell, jirrendi r-rikors tal-appell wieħed null, u għalhekk m'hemmx skop għalfejn din il-Qorti tkompli tindaga dwar il-kumplament tal-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjetà appellata jew dwar l-aggravji sollevati mill-appellanta.

[1]Q.A. (Inf) 23.10.2009.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi mill-appell odjern billi tiddikjara li dan ġie ppreżentat *fuori termine,* u għalhekk tqis li huwa irritwali u null.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**